## 2 ta' April, 1955

**Imħallef:**
**Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.**

Michel Angelo Ellul et. *versus* Paolo Axiak

### Imħatra — Nullità — Kawża Illeċita — Preskrizzjoni — Ċitazzjoni — Kawżali — Art. 1810 tal-Kodiċi Ċivili

*Il-preskrizzjoni ta' xahrejn stabbilita fid-dispożizzjoni tal-liġi li tagħti lit-tellief f'logħob id-dritt li jitlob lura minn għand ir-rebbieħ is-somma jew il-ħaġa li jkun ta ħallas lilu, mhix applikabbli għall-azzjoni kontra min ikun irċieva bħala sempliċi de-*

*pożitu l-posta tal-imħatra biex jirrestitwixxi dik il-posta. Għax dak id-depożitarju mhux parti fl-operazzjoni, ma hux la tellief u lanqas rebbieħ, imma sempliċi depożitarju tal-posta poġġuta għall-imħatra; u dan apparti milli dik id-dispożizzjoni tikkontempla logħob, u logħob mhux imħatra, u hemm differenza kbira bejn operazzjoni ta' logħob u operazzjoni ta' imħatra.*

*Imma l-imħatra bħala tali mhix nulla, u lanqas ma hija projbita mill-liġi; anzi ġie deċiż mill-Qorti Tagħna illi l-imħatra mhix illeċita.*

*Għaldaqstant, jekk id-domanda għar-restituzzjoni tal-posta poġġuta għall-imħatra hi bażata fuq il-kawżali tan-nullità tal-imħatra minħabba l-illiċejità tagħha, għalkemm l-attur jista' talvolta jkollu dritt għal dik ir-restituzzjoni fuq kawżali oħra, ma tistax tiġi akkolta mill-Qorti; u jkun hemm lok għall-liberazzjoni mill-osservanza tal-ġudizzju. Għax dritt għar-restituzzjoni fuq dik il-kawżali l-attur ma għandux, u l-Qorti ma tistax tiddeċidi dwar it-talba fuq kawżali diversa minn dik dedotta mingħajr ma tagħti deċiżjoni "extra petita".*

Il-Qorti;

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-atturi, wara li jippremettu illi huma ddepożitaw bejniethom għand il-konvenut is-somma ta' £140 bħala posta għall-imħatra li huma għamlu ma' ħadd ieħor; u illi din l-imħatra hija nulla għax proibita mill-liġi; u illi l-konvenut, interpellat biex jagħti lura din is-somma, irrifjuta li jirrestitwiha; jitolbu illi, wara li tiġi mogħtija kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u meħud kwalunkwe provvediment opportun, il-konvenut, għar-raġunijiet fuq imsemmija, jiġi kundannat iħallashom is-somma komplessiva ta' £140, in kwantu għal £50 kull wieħed lill-atturi Michel Angelo Ellul u Carmelo Camilleri, u in kwantu għal £20 kull wieħed liż-żewġ atturi l-oħra — somma li huma kienu ddepożitaw għand il-konvenut għar-raġuni fuq imsemmija. Bl-imgħax legali minn notifika ta' din iċ-ċitazzjoni; u bl-ispejjeż kontra l-konvenut, li ġie mħarrek biex jagħti s-subizzjoni tiegħu;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti li taw lok għal din il-kawża, kif jirriżultaw

mill-provi, huma dawn. Fis-16 ta' Settembru 1951, fil-Qrendi, kellha ssir il-Festa Nazzjonali, li kull sena tiġi promossa f'dak ir-raħal mill-partit tal-Każin ta' Lourdes, wieħed miż-żewġ każini ta' l-istess raħal; imma billi kienet ix-xita il-festa ma saretx. Il-partitarji ta' dak il-każin ippretendew illi l-Gvern kellu jagħti permess biex il-festa ssir tmien tijiem wara, fit-23 ta' dak ix-xahar. Il-partitarji tal-każin l-ieħor, dak ta' Santa Marija, sostnew illi l-Gvern ma kienx sejjer jagħti dak il-permess, għar-raġuni li f'din l-aħħar data huma kellhom permess minn għand il-Gvern biex iżommu fiera fir-raħal. Għalhekk saret imħatra bejn iż-żewġ partiti, ta' £230 minn kull naħa, li kellhom jintrebħu mill-partit tal-Każin ta' Lourdes jew minn dak ta' Santa Marija skond jekk il-Gvern jagħti jew le il-permess biex tinżamm il-festa Nazzjonali l-Qrendi fit-23 ta' Settembru 1951. L-imħatra ta' £230 ma saretx mill-partitarji ta' każin mal-partitarji tal-każin l-ieħor ilkoll flimkien, imma saret partitament bejn x'uħud biss mill-istess partitarji ta' wieħed mill-każini ma' x'uħud mill-partitarji tal-każin l-ieħor; mhux kull min ħa parti f'dik l-imħatra ħareġ l-istess posta; u d-depożitarju tal-posta, fejn kien hemm, ma kienetx dejjem l-istess persuna. In kwantu għall-atturi, dawn għamlu imħatra, jew aħjar tkellmu, ma' Carmelo Bugeja; l-atturi bħala partitarji tal-Każin ta' Santa Marija, u Bugeja bħala partitarju tal-Każin ta' Lourdes. Il-posta ġiet depożitata għand il-konvenut. Fil-fatt il-Pulizija ħarġet il-permessi meħtieġa biex il-Festa Nazzjonali ssir fid-data fuq imsemmija; imma b'ċerti modifikazzjonijiet għal kif kienet issir is-solitu. Minħabba f'hekk, kull naħa ppretendiet illi l-imħatra ġiet mirbuħa minnha. Il-kwistjoni ġiet imressqa quddiem tliet arbitri, li b'deċiżjoni tat-28 ta' Marzu, 1952, irritenew illi l-imħatra kienu rebħuha tal-Każin ta' Lourdes; u għalhekk di fronti għall-atturi, Carmelo Bugeja lil dawn kien rebħilhom l-imħatra. Għal xi raġuni jew oħra, il-flus ta' l-imħatra, almenu fil-każ bejn l-atturi u Carmelo Bugeja, baqgħu għand il-konvenut. Tabilħaqq, meta dan kien sejjer jagħti l-flus tal-imħatra lil Bugeja, bħala li kien huwa r-rebbieħ skond id-deċiżjoni ta' l-arbitri, l-atturi ddiffidawħ milli jagħmel hekk; anzi in segwitu huma talbuħ ir-restituzzjoni ta' dawk il-flus depożitati

minnhom għandu; u billi l-konvenut ma tahomlhomx, l-atturi ġew b'din il-kawża;

Ikkunsidrat, rigward l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut;

Illi l-konvenut jeċċepixxi illi l-azzjoni ta' l-atturi hi preskritta skond l-art. 1810 tal-Kodiċi Ċivili. Din il-preskrizzjoni, opposta mill-konvenut, ma tapplikax għall-każ taħt konsiderazzjoni, u għalhekk għandha tiġi respinta. Tabilħaqq, l-artikolu tal-liġi ċitat mill-konvenut jiddisponi illi "t-tellief f'logħob.........jista' jitlob lura minn għand ir-rebbieħ is-somma jew il-ħaġa li jkun ġa ħallas lilu, basta li ... ...... fi żmien xahrejn minn dak in-nhar tal-ħlas, isejjaħ lir-rebbieħ biex jagħtieħ lura s-somma jew il-ħaġa mħallsa". Issa, fl-operazzjoni li saret, u li ssemmiet aktar il-fuq, l-atturi ma kienux, jew almenu sa issa huma ma ġewx rikonoxxuti bħala tali, la tellіefa u lanqas rebbieħa; u hu żgur illi l-konvenut ma kienx, u ma huwiex rebbieħ, fl-istess operazzjoni; għaliex huwa fiha ma kienx parti, imma kien biss, u fuq dan ma hemmx kwistjoni bejn il-kontendenti, sempliċi depożitarju tal-posta poġġuta. Dan apparti wkoll mill-fatt illi f'dan il-każ ma kienx jittratta minn logħob, imma minn imħatra; u hemm differenza kbira bejn operazzjoni ta' logħob u operazzjoni ta' mħatra (Vol. XXXI-I-756);

Ikkunsidrat, fil-meritu;

Illi m'hemmx dubju illi l-atturi qegħdin jibbażaw l-azzjoni tagħhom fuq kawżali unika, dik li l-imħatra hi nulla għaliex projbita mill-liġi. Dan jidher mill-att taċ-ċitazzjoni, u wisq aktar mid-dikjarazzjoni tagħhom miġjuba minnhom maċ-ċitazzjoni, fejn jingħad "billi l-imħatra hi projbita mill-liġi, l-atturi talbu lill-konvenuti biex jagħtihom lura l-flus li kienu ddepożitaw għandu; u billi l-konvenut irrifjuta, saret din il-kawża";

Illi l-kontendenti jaqblu, kif ġa ngħad, illi l-operazzjoni li saret bejn l-atturi u Carmelo Bugeja hi dik ta' mħatra, u mhux ta' logħob. Issa, kuntrarjament għal dak li jgħidu l-atturi, l-imħatra bħala tali mhix nulla, u lanqas ma hi projbita mill-liġi; anzi ġie deċiż minn dawn il-Qrati illi l-imħatra mhix illeċita (Vol. XIII. 9; XXVIII-I-942);

Illi għalhekk, għalkemm l-atturi jista' talvolta għand-

hom dritt għar-ripetizzjoni minn għand il-konvenut tas-somma msemmija fiċ-ċitazzjoni fuq kawżali oħra, huma ma għandhomx dan id-dritt fuq il-kawżali miġjuba minnhom f'din il-kawża; u l-Qorti ma tistax tiddeċidi ħlief fuq il-kawżali li tiġi dedotta fil-kawża; għaliex diversament id-deċiżjoni tagħha tkun "extra petita" (Vol. XXXIII-I-748);

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi (1) billi tirrespinġi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut, bl-ispejjeż kontra tiegħu, u (2) tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-atturi. Salvi favur dawna drittijiet oħra, "si et quatenus", kontra l-konvenut għar-restituzzjoni tas-somma mitluba minnhom fiċ-ċitazzjoni.